**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar, 2019**

**Rikors nru: 365/18 AGV**

AC
Vs
BD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrentipprezentat fl-14 ta' Awissu, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg f'Malta fit-30 ta' April, 2006 u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal (ic-certifikat taz-zwieg qed jigi hawn anness u mmarkat Dok.A).
2. Illi l-imsemmija konjugi kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef fil-31 ta' Lulju, 2014 (dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok.B).
3. Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment bejniethom.
4. Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi inoltre qed jigi pprezentat affidavit maghmul mir-rikorrenti, fejn qed jiddikjara u jikkonferma dawn il-fatti (Dok.C).

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull provvediment iehor li joghgobha taghti:-

1.Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.Tordna li r-Registratur sabiex fi zmien imholli javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b’dan id-divorzju sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-intimata li eccepiet illi hi ma ssibx opposizzjoni ghat-talbiet attrici u ghaldaqstant hija ukoll umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnha u l-attur AC.

Rat l-Artikolu 66 A, B u C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond kuntratt datat 31 ta’ Lulju, 2014 fl-atti tan-Nutar Dr. Bartolomeo Micallef.

Jikkonferma ukoll li dejjem hallas l-manteniment dovut skond il-kuntratt ta’ separazzjoni.

Illi r-rikorrent pprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment u li ma kinitx tezisti cans ta’ rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**